# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2023**

**Talba nru. 150/2021**

**MICHAEL ATTARD IMPORTS LTD**
**(C 34433)**

*VERSUS*

**MANDY CASSAR (KI 446380M)**
**U B'DIGRIET TAD-29 TA' MARZU 2022 GIE MSEJJAH FIL-KAWZA**
**WAYNE CASSAR (KI**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fis-27 ta' Mejju 2021(Fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenuta sabiex tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn erbgha mija u tlett Ewro u sitta u disghin centezmu (Eur 2403.96) rapprezentanti bilanc ta' imports ta' sitt kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-intimata. Bl-Ispejjez u bl-imghax.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni (Fol.8), pubblikazzjoni fil-gazzeta tal-Gvern (Fol.7) u f'gazzetta lokali (Fol.10) sabiex tinnotifika lill-konvenuta Mandy Cassar.

Ra li l-konvenuta Mandy Cassar ipprezentat risposta (Fol.13) fejn fiha ecceppiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll illi hija mizzewwga lil Wayne Cassar fejn ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni u ghaldaqstant stante illi ghadha vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jigi kjamat fil-kawza Wayne Cassar. Illi l-kambjali suggett ta' dawn il-proceduri gew iffimrati biex inxtrat vettura li tinzamm u tintuza minn Wayne Cassar. Illi galdarba l-intitmata ghadha mizzewwga u ghad hemm vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti, l-kambjali u l-kuntratt kellhom isiru fuq isem it-tnejn u mhux fuq isem l-intimata biss.

Ra r-rikors ipprezenat mill-intimata Mandy Cassar fl-4 t'Ottubru 2021 fejn talbet sabiex jigi kjamat in kawza Wayne Cassar li ghandu jitqies bhala konvenut ukoll.

Ra l-verbal tad-difensur tas-socjeta attrici ta' l-1 ta' Frar 2022 (Fol.30) li fih oppona ghal kjamat in kawza stante illi l-kambjali mertu tal-kawza gew iffirmati esklussivament mill-intimata Mandy Cassar.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fejn laqgha t-talba sabiex jigi kjamat in kawza Wayne Cassar. (Fol.34-35).

Ra illi fil-konfront ta' l-intimat Wayne Cassar kellha tigi adoperata l-procedura ta' l-affissjoni (Fol.48), pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern (Fol. 57) u f'gazzetta lokali (Fol. 55) u li minkejja dan, l-intimat Wayne Cassar baqa ma deherx ghas-seduta u lanqasipprezenta risposta sabiex iwiegeb ghall-pretizi attrici fiz-zmien moghti lilu mill-ligi. Illi f-dawl ta' dan l-intimat Wayne Cassar gie meqjus bhala kontumaci.

Ra l-kapitolu ipprezentat mis-socjeta attrici fl-udjenza ta' l-4 ta' Mejju 2023 (Fol.64) fil-konfront taz-zewg intimati, Mandy u Wayne Cassar.

Ra illi f-seduta tat-18 ta' Settembru 2023, dehret l-intimata Mandy Cassar illi xehdet in subizzjoni.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2023, l-intimata Mandy Cassar in subizzjoni ikkonfermat illi l-kambjali ipprezentati a Fol.39-41 kellhom il-firma taghha. Spjegat kif kienet inxtrat vettura ta' l-ghamla Peugeot minghand is-socjeta attrici u li kien ghad baqa dovut l-ammont pretiz u rifless fil-kambjali.

Illi l-intimata tghid illi l-vettura ma kienetx tintuza minnha u li minn meta bdew il-problemi ta' separazzjoni mar-ragel taghha Wayne Cassar, dan waqaf ihallas il-kambjali.

Illi l-intimata Mandy Cassar fuq il-pedana tax-xhieda ammettiet bl-aktar mod car illi l-ammont huwa dovut u li l-kambjali kienet iffirmatom hija stess. Hija ssemmi li ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mar-ragel taghha u ghaldaqstant tistenna illi huwa jwiegeb ghat-talbiet attrici wkoll u mhux hi biss.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghalll-kawza fl-ismijiet "Adrian Busietta noe vs Marco Attard" (Appell Superjuri, deciza fid-9 ta' Frar 2001 fejn intqal hekk, " *. . . .– salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli rejali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor – huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-trajent u t-trattarju kif emergenti mill-wicc fil-kambjali stess" (Aldo Vella nomine vs Vincent Lofaro proprio et nomine deciza fil-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977)."* Ikompli jinghad illi "*Bhala firmatarju ta' kambjala, l-konvenut dahal f'obbligazzjoni ta' natura partikulari ghaliex hija wahda indipendenti mil-causa obbligiationis. Il-posizzjoni dwar il-kambjala hija dik kummentata mill-Professur Felice Cremona (ara n-noti tieghu f'pages 477 et sec) li jsegwi d-duttrina legali bhala dik insenjata mill-Vivante u jghid li "The moment a person signs the bill of exchange whether as drawee endorser or as giver of an aval or otherwise the obligation arising from that signature is considered complete in itself. It acquires a judical existance which is considered separate, distinct and indipendent from the original and fundamental contract entered*

*into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by the bill with the signature placed thereon. (Rita Azzopardi nomine vs Raymond Camilleri deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Awissu 1994)."*

Illi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament ta' l-intimata Mandy Cassar, partikolarment illi hija stess iffimat il-kambjali u li tali ammonti ghadhom dovuti, ma jhallu l-ebda dubju dwar il-veracita tat-talbiet attrici u t-Tribunal ma kien baqalu l-ebda kunsiderazzjonijiet x jaghmel sabiex iqis illi t-talba attrici timmerita li tigi akkolta.

Illi fil-konfront ta' l-intimat Wayne Cassar, it-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Illi fl-ewwel lok ma ngiebet l-ebda prova illi Wayne Cassar kien intrabat b'xi mod ma-socjeta attrici jew li ghandu jaghti xi ammonti u fit-tieni lok, ix-xhieda ta' l-intimata Mandy Cassar ma thalli l-ebda inekwivoku dwar ir-rabta guridika li tezisti mas-socjeta attrici.

Illi tenut kont illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jaghraf illi wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema x-xhieda, ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba minghand is-socjeta konvenuta.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha fil-konront ta' l-intimata Mandy Cassar peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront ta' l-intimata Mandy Cassar biss, u konsegwentament tikkundannaha thallas l-ammont ta' elfejn erbgha mija u tlett Ewro u sitta u disghin centezmu (Eur 2403.96) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-27 ta' Mejju 2021 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku ta' l-intimata Mandy Cassar.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur